



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 10.08.2006
KUMM(2006) 455 finali

2006/0155 (ACC)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-modifika tad-definizzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja
għal ċerti kwoti ta' importazzjoni**

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Biss il-biċċiet tal-laħam taċ-ċanga ta' kwalità għolja li jikkorrispondu mad-definizzjoni tal-prodott assoċjata jistgħu jibbenefikaw mill-kwoti tariffarji preferenzjali tad-WTO għall-Komunità. Il-Kummissjoni tirrikmanda l-adozzjoni ta miżuri li jiżguraw il-konformità ma' dawn il-kwoti tariffarji.
2. Minn diskussjonijiet mal-pajjiżi rilevanti (l-Arġentina, il-Brażil u l-Urugwaj) li jesportaw ċanga ta' kwalità għolja fi ħdan il-kwoti tariffarji tad-WTO għall-KE ta' 11 000 t, 5 000 t u 4 000 t rispettivament, ħarġet fid-dieher il-ħtieġa li jiġu adattati aħjar id-definizzjonijiet ta' l-importazzjoni għal dawn il-kwoti.
3. Biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni, huwa f'loku li jiġu allokat i-kwoti tariffarji rilevanti li għalihom l-Arġentina, il-Brażil u l-Urugwaj huma l-fornituri uniċi għall-pajjiż rispettiv.
4. L-adozzjoni ta' dan ir-Regolament hija meħtieġa biex il-Kummissjoni tkun tista', sussegwentement, tadotta definizzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu eżaminati u vverifikati aktar faċilment skond il-proċedura prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999¹ tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella sabiex tippermetti l-eżami u l-verifika *ex post* tal-konformità mad-definizzjoni, mingħajr ma jinbidlu l-kundizzjonijiet bażiċi ta' l-importazzjoni.

¹ ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar il-modifika tad-definizzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja
għal ċerti kwoti ta' importazzjoni**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 133 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi:

- (1) Ikun tajjeb li jiġu adottati miżuri li jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet għal ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċanga ta' kwalità għolja.
- (2) Minn diskussjonijiet mal-pajjiżi li jesportaw ċanga ta' kwalità għolja fi ħdan il-kwoti tariffarji tad-WTO għall-KE ta' 11 000 t, 5 000 t u 4 000 t rispettivament, ħarġet fid-dieher il-ħtieġa li jiġu adattati aħjar id-definizzjonijiet ta' l-importazzjoni għal dawn il-kwoti.
- (3) Biex tiġi ċċarata s-sitwazzjoni, huwa f'loku li jiġu allokati l-kwoti tariffarji rilevanti li għalihom l-Arġentina, il-Brażil u l-Urugwaj huma l-fornituri uniċi għall-pajjiż rispettiv.
- (4) Sussegwentement, il-Kummissjoni għandha tadotta definizzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu eżaminati u vverifikati aktar faċilment skond il-proċedura prevista fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1254/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq taċ-ċanga u l-vitella² sabiex tippermetti l-eżami u l-verifika *ex post* tal-konformità mad-definizzjoni, mingħajr ma jinbidlu l-kundizzjonijiet bażiċi ta' l-importazzjoni,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-kundizzjonijiet għall-kwoti tariffarji tad-WTO għall-KE ta' 11 000 t, 5 000 t u 4 000 t rispettivament għall-importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċanga ta' kwalità għolja tal-kodiċijiet

² ĠU L 160, 26.6.1999, p. 21.

NM 0201 30 00 u 0206 10 95 għandhom japplikaw kif jispeċifika l-Anness ma' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, [...]

*Għall-Kunsill
Il-President*

ANNEX

Deskrizzjoni tal-prodott	Numri tat-tariffa	Kwota u r-rata fi ħdan il-kwota	Termini u kundizzjonijiet oħra
<p>Laħam mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ</p> <p>Interjuri li jittieklu ta' l-annimali bovini falda rqiqa u falda ħoxna, friska jew imkessaħ</p>	<p>ex 0201 30 00</p> <p>ex 0206 10 95</p>	<p>11 000 t</p> <p>20%</p>	<p>Laħam "ta' kwalità għolja" ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, allokat lil: l-Arġentina</p> <p>L-eliġibbiltà għall-kwota hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti</p>
<p>Laħam mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ</p> <p>Interjuri li jittieklu ta' l-annimali bovini falda rqiqa u falda ħoxna, friska jew imkessaħ</p>	<p>ex 0201 30 00</p> <p>ex 0206 10 95</p>	<p>5 000 t</p> <p>20%</p>	<p>Laħam "ta' kwalità għolja" ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, allokat lil: il-Brażil</p> <p>L-eliġibbiltà għall-kwota hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti</p>
<p>Laħam mingħajr għadam ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ</p> <p>Interjuri li jittieklu ta' l-annimali bovini falda rqiqa u falda ħoxna, friska jew imkessaħ</p>	<p>ex 0201 30 00</p> <p>ex 0206 10 95</p>	<p>4 000 t</p> <p>20%</p>	<p>Laħam "ta' kwalità għolja" ta' l-annimali bovini, frisk jew imkessaħ, allokat lil: l-Urugwaj</p> <p>L-eliġibbiltà għall-kwota hija soġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati fid-dispożizzjonijiet Komunitarji rilevanti</p>

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA

1. INTESTATURA TAL-BAĠIT: Kapitlu 10 – Dazji Agrikoli		APPROPRJAZZJONIJIET B 2006 €763,5 m			
2. INTESTATURA: Regolament tal-Kunsill dwar il-modifika tad-definizzjoni ta' ċanga ta' kwalità għolja għal ċerti kwoti ta' importazzjoni					
3. IL-BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 133 tat-Trattat					
4. L-GĦANIJIET: L-adozzjoni ta' miżuri li jiżguraw il-konformità mal-kundizzjonijiet għal ċerti kwoti tariffarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċanga ta' kwalità għolja.					
5. IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI (1)	PERJODU TA' 12-IL XAHAR (EUR miljuni)	IS-SENA FINANZJARJA KURRENTI 2006 (EUR miljuni)		IS-SENA FINANZJARJA SUSSEGWENTI 2007 (EUR miljuni)	
5.0 INFIQ – IDDEBITAT LILL-BAĠIT TAL-KE (RIFUŻJONIJIET / INTERVENTI) – AWTORITAJIET NAZZJONALI – OĦRAJN	–	–		–	
5.1 DĦUL – RIŻORSI PROPRI TAL-KE (IMPOSTI / DAZJI DOGANALI) – NAZZJONALI	–	–		–	
	2008	2009	2010	2011	
5.0.1 STIMA TA' L-INFIQ	–	–	–	–	
5.1.1 STIMA TAD-DĦUL	–	–	–	–	
5.2 IL-METODU TA' KALKOLU: –					
6.0 IL-PROĠETT JISTA' JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITLU RILEVANTI TAL-BAĠIT KURRENTI?				IVALE	
6.1 IL-BAĠIT JISTA' JIĠI FFINANZJAT BI TRASFERIMENT BEJN IL-KAPITLI TAL-BAĠIT KURRENTI?				IVALE	
6.2 JINĦTIEĠ BAĠIT SUPPLEMENTARI?				IVALE	
6.3 JINĦTIEĠ LI L-APPROPRJAZZJONIJIET JIDDAĦĦLU FIL-BAĠITS TAL-ĠEJJIENI?				IVALE	
(1) OSSERVAZZJONIJIET: L-għan ta' din il-proposta huwa l-adattament tad-definizzjonijiet ta' ċanga ta' kwalità għolja għal ċerti kwoti ta' l-importazzjoni sabiex ikunu jistgħu jiġu eżaminati u vverifikati aktar faċilment. Din il-miżura qed tittieħed biex kemm jista' jkun tnaqqas ir-riskju ta' nuqqas ta' konformità, u ma tibdilx il-kundizzjonijiet bażiċi ta' l-importazzjoni. Huwa stmat li ma jkollhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul fil-baġit.					